MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 27/2003/1

Melita Cable p.l.c. (C 12712)
vs
L-Avukat Generali u l-Ministru ghat-Trasport u Komunikazzjoni ghal kull interess li jista' jkollu

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih ippremettiet:

Melita Cable kienet socjeta` licenzjata biex tinstalla u topera sistema ta' telekomunikazzjoni konsistenti f'sistema ta' fili u apparat iehor u dan biex tipprovdi 'cable television services' u servizzi ohra, fosthom 'data transmission services' (Dok "MC1").

Melita Cable kienet proprjetarja ta' sistema ta' telekomunikazzjoni li tikkomprendi *Head End,* jew centru,

u sistema ta' fili *(cables)* kemm *fibre optic,* kif ukoll *coaxial* madwar Malta u Ghawdex.

Melita Cable nefqet miljuni ta' liri biex bniet l-imsemmija sistema, u kienet tonfoq somom kbar biex tmantni l-istess, u biex taghmel *upgrades* necessarji biex izzomm it-teknologija taghha kurrenti.

F'dawn l-ahhar erba' snin, Melita Cable kienet nefqet madwar Lm10 miljuni biex irrendiet is-sistema taghha *two way* u dana sabiex setghet tkun tista' toffri *data services* fuq *in-network,* inkluzi *internet services.*

Ai termini tal-Avviz Legali 173 tal-1999 kif emendat, il-Melita Cable hi obbligata, jekk tinstab dominanti fis-suq, li tinnegozja ma' kull *Internet Service Provider* ("ISP") biex tippermetti interkonnessjoni ma' u access *lin-network* taghha.

Ai termini tal-istess regolamenti, f'kaz li dawn in-negozjati ma jwasslux ghal ftehim, *1-Internet Service Provider kien* jista' jressaq ilment lill-Awtorita` ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni li ghandha l-jedd li tirrisolvi l-istess billi, fost rimedji ohra possibbli, tordna lill-Melita Cable taghti access lill-ISP taht dawk il-kundizzjonijiet - inkluz kumpens - li jidhrilha li huma xierqa.

Fis-7 ta' Awissu l-Awtorita` iddikjarat lil Melita Cable dominanti, u imponiet skeda li kellha twassal ghal access furzat sal-1 ta' Gunju 2004 (Dok MC2).

Minn din id-decizjoni tal-Awtorita`, Melita Cable kellha dritt ta' appell limitat quddiem Bord ta' L-Appell dwar Telekomunikazzjonijiet stabbilit f'Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan id-dritt kien gie ezercitat u fil-fatt appell gie pprezentat fl-4 ta' Settembru 2003. Fl-appell, il-Melita Cable riedet turi:

(a) li jkun sar zball materjali dwar il-fatti;
(b) li kien hemm zball procedurali materjali;
(c) li jkun sar zball fil-ligi;

(d) li kien hemm xi illegalita` materjali, inkluza nuqqas ta’ ragonevolezza jew ta’ proporzjonalita`.

Sussegwentement il-Melita Cable kellha appell, fuq punti ta’ dritt biss, quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, Gurisdizzjoni Inferjuri.

Melita Cable sostniet li l-impozizzjoni ta’ interkonnessjoni ma’, u access lin-network taghha kif provdut fl-A.L. 173 tal-1999 kif emendat, kienet tikkostitwixxi tehid ta’ pussess b’mod obbligatorju, jew akkwist ta’ interess fi, jew dritt fuq, proprjeta` taghha b’mod obbligatorju minghajr ma l-Melita Cable:

(i) ma kellha dritt ghal kumpens xieraq; u/jew

(ii) ma kellha dritt ta’ access lill-Qorti jew Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi dwar kull kwistjoni fuq it-tehid furzat, inlkuz l-ammont ta’ kull kumpens li ghalih setghet tkun intitolata; u/jew

(iii) ma kellha appell mid-decizjoni tal-imsemmija Qorti jew Tribunal lill-Qorti tal-Appell dwar kull aspett tat-tehid furzat, inkluz fuq l-ammont tal-kumpens.

Dan kien manifestament kontra Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

Ghaldaqstant il-Melita Cable talbet lill-Qorti tiddikjara li l-A.L. 173 tal-1999 kif emendat jivvjola l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u hu konsegwement null in kwantu jimponi interkonnessjoni ma’, u access lil, *network* tal-Melita Cable minghajr:

(i) ma kellha dritt ghal kumpens xieraq; u/jew

(ii) ma kellha dritt ta’ access lill-Qorti jew Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi dwar kull kwistjoni fuq it-tehid furzat, inlkuz l-ammont ta’ kull kumpens li ghalih setghet tkun intitolata; u/jew

(iii) ma kellha appell mid-decizjoni tal-imsemmija Qorti jew Tribunal lill-Qorti tal-Appell dwar kull aspett tat-tehid furzat, inkluz fuq l-ammont tal-kumpens,

u talbet lill-Qorti taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati l-Avukat Generali u l-Ministru ghat-Trasport u Komunikazzjoni li biha eccepew:

1. Illi, kif kien ukoll sostanzjalment ammess fir-rikors promotur, kien jezisti mezz xieraq ta' rimedju biex is-socjeta` rikorrenti tivvanta l-lanjanza taghha dwar il-fatt illi hija giet dikjarata illi kellha pozizzjoni dominanti fis-suq tat-trasport tas-sinjali tat-telekommunikazzjoni u dan fil-forma tad-dritt ta' appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Telekommunikazzjonijiet u, eventwalment quddiem il-Qorti ta' l-Appell, moghti permezz tal-Kap 399 dwar ir-Regolamentazzjoni tat-Telekommunikazzjonijiet. Illi ghad li r-ragunijiet li ghalihom wiehed seta' jappella quddiem dak il-Bord huma elenkati fl-imsemmi Kap 399 dak id-dritt ta' appell huwa wiesgha bizzejjed biex jaghti gurisdizzjoni lill-Bord iqis il-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti fl-aspetti kollha sostanzjali taghha u huwa mezz adegwat ta' rimedju kontra xi illegalita` (saret referenza f'dan ir-rigward ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Bryan v United Kingdom (1995) 21 EHRR 342). Illi ghalhekk kien opportun illi l-Qorti tiddeklina milli tipprocedi bis-smiegh ta' din il-kawza fil-meritu u dan fit-termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.

2. Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma kienx jaghmel ghall-kaz billi l-impozizzjoni ta' l-obbligu ta' interkonnessjoni u access (li permezz tieghu provdituri ohra tat-telekommunikazzjoni jkunu jistghu jinterkonnettu ma' u jaccedu l-infrastrutura ta' socjeta` dominanti fis-suq) ma kienx jikkostitwixxi "tehid" ta' proprjeta` jew "tehid ta' pussess" ta' proprjeta` fit-termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni izda kien jikkostitwixxi kontroll ta' uzu tal-proprjeta` fl-interess generali liema kontroll ta' uzu kien

gustifikat mill-interess pubbliku li l-utent tas-servizzi tat-telekommunikazzjoni ("il-konsumatur") ma jithalliex *"in balia"* tal-monopolisti jew oligopolisti tas-suq. Illi l-obbligu tal-interkonnessjoni u l-access kien il-mezz principali uzat biex jassikura l-kompetizzjoni gusta fis-suq tat-telekommunikazzjoni u huwa universalment addottat f'dan il-qasam ghal dan l-iskop.

3. Illi in kwantu kien allegat illi kien se jsir "tehid" ta' proprjeta` jew tal-pussess taghha minghajr hlas ta' kumpens xieraq ghandu jigi rilevat illi min jinterkonnetti ma' infrastruttura ta' provditur iehor tat-telekommunikazzjoni jew jaccedi ghaliha jhallas talli juza jew jaccedi dik l-infrastruttura u ghalhekk kien car illi s-socjeta` rikorrenti ma kenitx se tigi assoggettata ghall-uzu minn terzi tal-proprjeta` taghha minghajr ma tithallas ta' dan.

4. Illi t-taibiet tas-socjeta` rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu respinti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Joseph R Aquilina, Chief Executive Office tal-Melita Cable u Chairman tal-Video-On-Line Limited, li hija sussidjarja tal-Melita, ipprezenta affidavit fejn fih semma li fl-4 ta' Marzu 2001 lill-Melita inhargitilha licenzja biex tinstalla u topera sistema ta' telekommunikazzjoni konsistenti f'sistema ta' fili u apparat iehor, biex tipprovdi 'cable television services', 'data transmission services' u servizzi ohra. Semma li l-Melita ghandha sussidjarja il-Video-On-Line Limited li fid-9 ta' Ottubru 1999 inhargitilha licenzja biex topera bhala "Internet Service Provider", liema licenzja inharget taht ir-Regolamenti ta' l-1999 dwar Provdituri ta' Servizzi ghal Internet u Data Networks ohra.

Qal li l-Melita hi propjetarja ta’ sistema ta’ telekomunikazzjoni li tikkomprendi *Head End,* jew Centru, u sistema ta’ fili kemm *fibre optic,* kif ukoll *coaxial* madwar Malta u Ghawdex. Semma li s-socjeta` nefqet izjed minn Lm29,600,000 biex bniet l-imsemmija sistema, u tonfoq somom kbar biex tmantni l-istess, u biex taghmel *upgrades* necessarji biex izomm it-teknologija taghha kurrenti. Qal li fl-ahhar erba’ snin, Melita Cable nefqet madwar Lm7,000,000 biex irrendiet is-sistema taghha *two way* u dana sabiex tkun tista’ toffri *data services* fuq in-*network,* inkluzi *internet services*. Semma li dan l-ammont jirrapprezenta ammont kbir ta’ investiment li holoq l-opportunita` li Melita, permezz tas-sussidjarja taghha VOL, tkun tista’ tikkompeti fis-suq ta’ l-Internet.

Qal li fis-7 ta’ Awissu 2003 l-Awtorita` ta’ Malta dwar il-Kommunikazzjoni ddikjarat lill-Melita Cable dominanti fis-suq ta’ *Telecommunications Transport Providers* bis-sahha tal-poter moghti lilha taht regolament numru 5 tar-Regolamenti dwar Provdituri ta’ Servizzi ghal Internet u *Data Networks* ohra. L-Awtorita` ordnat lill-Melita tiftah l-infrastruttura taghha ghal-terzi persuni li jkunu jixtiequ juzaw l-infrastruttura tal-Melita biex jipprovdu servizzi ta’ l-Internet.

Ir-Regolamenti dwar Provdituri ta’ Servizzi ghal Internet u *Data Networks* jipprovdu li meta TTP hija dominanti ai termini tar-Regolamenti, l-*Internet Service Provider* jista’ jitlob lit-TTP biex jinghata access lill-facilitajiet taghha. Semma li jekk il-partijiet ma jiftehmux, u l-ISP jaghmel ilment lill-Awtorita`, din ghandha tiddeciedi fuq l-ilment, u ghandha d-diskrezzjoni li tordna li t-TTP jiftah l-infrastruttura tieghu ghall-ISP. Semma li l-Awtorita` ma applikatx il-ligi sewwa ghax qabdet u ordnat l-access minghajr ma kien hemm ilment minghand ISP. Zied jghid li fl-4 ta’ Settembru l-Melita appellat quddiem il-Bord tal-Appelli dwar Telekommunikazzjonijiet kontra d-determinazzjoni u l-ordni ta’ l-Awtorita` u ghamlet ukoll talba quddiem l-istess Bord biex l-effetti ta’ l-ordni kontra Melita jigu sospizi waqt is-smiegh ta’ l-appell.

L-Awtorita` ordnat lill-Melita biex sa Gunju 2004 tkun f'pozizzjoni li thalli lil kull min jitlobha, ikollu access ghall-infrastruttura taghha. Qal li l-konvenuti qed jikkontendu li dan huwa biss kontroll ta' uzu u mhux tehid ta' proprjeta`, jew ta' pussess.

Il-Melita hija tal-fehma li dan mhuwiex il-kaz minhabba li jekk Melita jkollha taghti access lill-terzi persuni, din ma tkunx tista' tuza l-infrastruttura taghha b'mod esklussiv, billi terzi persuni jkollhom access ghaliha. Billi Melita ma tkunx tista' tuza' l-infrastruttura taghha b'mod esklussiv, jekk tigi ordnata taghti l-access, ma jikkostitwix biss kontroll, jew limitazzjoni, ta' uzu, izda huwa tehid ta' pussess u/jew proprjeta`.

Xehed <u>Dr. Paul Micallef</u> Legal Advisor mal-Awtorita` ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni u rapprezentant ma' l-istess Awtorita`. Qal li l-Awtorita` tirregola l-cable service kif ukoll dak li ghandu x'jaqsam mal-internet service providers u anki t-Telecommunication Transport Providers. Qal ukoll li l-Melita Cable ghandha sistema ta' networks u ghandha wkoll kumpanija sussidjarja, il-Video On Line li din hija licenzjata ma' l-Awtorita` bhala internet service provider taht l-avviz legali 170/1999.

Dwar ir-Regolament 9 u l-konnessjonijiet man-network ta' haddiehor iccita direttament mir-regolament bl-Ingliz, u qal li 'a telecommunications transport provider with a dominant market position in the market for the services". Is-subinciz 2 tieghu jghid li 'a telecommunications transport provider shall use all reasonable efforts to ensure that interconnection and access are accomplished promptly, efficiently and at charges which are based on principles of transperancy and cost orientation'. Qal li hemm il-provider, l-ISP tal-Gvern u l-MITTS Limited li hi licenzjata maghhom ukoll.

Dwar l-aspett tad-dominance qal li kien hemm designation f'Awissu 2003 mehuda mill-Awtorita`, fejn il-Melita giet designated li ghandha dominanza fis-suq tat-TTP fejn b'konsegwenza taghha il-Melita kellha certu obbligi tar-regolamenti li kien qed isemmi. Semma li s-sistema

taghha tkun accessibli ghal ISP’s ohrajn u allura tapplika r-Regolament 9, fejn l-access ikun abbazi tal-principju tat-trasparenza u cost orientation. Fil-konfront tal-Video On Line is-sussidjarja taghha qal li hi trid timxi bl-istess mod fil-kofront tal-ISP’s l-ohra.

Dwar id-decizjonijiet tal-Awtorita` jekk jistax issir appell jew le qal li jista’ jappella kif gara f’dan il-kaz quddiem it-Telecommunications Appeal Board, liema appell thalla ghad-decizjoni ta’ l-istess bord u fuq punt ta’ ligi jista’ mbaghad wiehed jikkontesta d-decizjoni ta’ l-istess bord quddiem il-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri.

Dwar it-Telecommunications Appeals Board u n-nomina tieghu qal li dan jigi nominat mill-Ministru ghal perjodu fiss waqt li l-membri li jkunu 3, jkunu avukat ta’ mill-inqas 3 snin esperjenza u zewg membri ohra, ghandhom security of tenure u jistghu jitnehhew biss ghar-ragunijiet partikolari msemmija f’dik il-ligi. Dwar ic-Chairman qal li dan ikun avukat ta’ mill-anqas 7 snin esperjenza. Fil-kawza tal-Melita qal li qatt ma tqajjmet kwistjoni ta’ rikuza tal-membri tal-bord. Semma li d-decizjonijiet mhux dejjem jispiccaw b’ ezitu favur il-Gvern. Semma li l-kuncett tad-dominanza huwa strettament regolat bir-Regolament 5 tar-regolamenti li jistabbilixxi l-kazijiet fejn it-Telecommunications Transport Provider jista’ jigi meqjus bhala dominanti fis-suq.

Semma li hemm procedura ohra mill-Melita Cable u anke giet pprezentata kopja tac-citazzjoni u l-kawza saret kemm kontra l-Awtorita` kif ukoll kontra l-Ministru responsabbli mis-settur. Qal li l-kawza giet intavolata fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Dr. Noel Cuschieri. Semma l-Melita ghandha a d-dominant position u hi obbligata li tippermetti lil ISP’s l-ohra li juzaw in-network taghha. Qal li huwa veru li ISP in parte jkun qed juza s-servizz tal-Melita Cable biex jasal li hu jipprovdi s-servizz li jkun ftiehem mal-utent u n-network.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

**L-EWWEL ECCEZZJONI** tal-intimat hija bazata fuq il-***proviso*** tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u li jezisti mezz

xieraq ta' rimedju biex is-socjeta` rikorrenti tivvanta l-lanjanzi taghha. Infatti l-intimat talab lill-Qorti tiddeklina milli tipprocedi bis-smiegh ta' din il-kawza fil-meritu.

F' dan l-istadju l-Qorti thoss li ghandha tirreferi ghall-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-gurisprudenza fuq is-suggett. Fl-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni nsibu l-***proviso*** li jghid:
"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subartikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra."

Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fid-29 ta' Ottubru, 1993 fl-ismijiet **Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija et** insibu:
"Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti ser tidhol fil-meritu ta' l-eccezzjoni, u tibda biex tghid, kif persistentement minnha dikjarat u sostnut, illi, bhala regola, meta si tratta ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke, per ezempju, meta l-indagini gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Meta l-aspetti ta' l-indagini ikunu ta' natura prevalentament kostituzzjonali, bir-rimedji propriji pedissekwi, ix-xejra ghandha tmur lejn l-esercizzju tas-setghat li l-Kostituzzjoni ta' Malta, fl-Artikolu 46 (2), taghti lil Qorti Civili Prim'Awla"

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:
"Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:

(a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed

jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
(b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esrcizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
(c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
(d) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent
(e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
(f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri vs l-Onor Prim Ministru** deciza fis-6 ta' April, 1995, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim' Awla ghal rimedju ta' indole kostituzzjonali, imma l-ewwel subinciz ta' dak l-artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinciz tieghu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dak l-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat "huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra". Hu veru wkoll illi din il-fakolta' hija diskrezzjonali ghall-Qorti imma hu car li l-ezercizzju ta' tali diskrezzjoni ma jistax ikun wiehed kapriccuz jew legger. Hu ovvju illi ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat

taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha.”

Dawn l-istess principji kienu applikati fis-sentenzi tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) deciza fis-27 ta’ Lulju, 1995 fl-ismijiet **Paul MacKay vs Kummissarju tal-Pulizija** u deciza fil-21 ta’ April, 1995 fl-ismijiet **Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru**.

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Magro vs Direttur tal-Akkomodazzjoni Socjali** deciza fit-28 ta’ Mejju, 1997 il-Qorti Kostituzzjonali hasset li meta tkun qeghda tikkunsidra jekk ghandhiex tkompli tisma' kawza minhabba li hemm rimedji ohra fil-Ligi a tenur ta' l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali trid tkun certa li r-rimedju jkun fih tliet elementi importanti: accessibli, cert u effettiv.

Din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Stephen Falzon vs Registratur tal-Qorti et** fl-14 ta’ Frar, 2002 qalet:
“Dan il-proviso ghalhekk mhux xi wiehed li jista’ jittiehed b’mod laxk jew kapriccuz. Mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta’; izda minn-naha l-ohra il-Qorti ghandha l-obbligu li f’certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra. Altrimenti tkun qedgha tagixxi ta’ Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi. Jekk kien hemm mezzi xierqa ohra il-Qorti ghandha tiddirigi ruhha lejn ir-rifjut tal-ezercizzju tas-setghat taghha taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, mhux biss meta ma jistax isir mod iehor ghaliex ir-rimedju jkun essenzjalment residenti quddiem Qorti ohra, imma anke meta l-indagini

gudizzjarja u r-rimedju ghall-ilment ikunu sostanzjalment duplikati fiz-zewg mezzi miftuha ghal min ikun qieghed iressaq l-ilment. Ir-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, il-Qorti m'ghandiex tikkonsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent. Ghalhekk ma hux indikat - jekk mhux f'kazijiet verament eccezzjonali li jikkonvincu lill-Qorti mod iehor - illi l-ewwel Qorti tezercita s-setghat taghha sakemm kienu, huma jew ghadhom, miftuhin ghar-rikorrent rimedji ohra adegwati fil-parametri tal-ordinament gjudizzjarju, kemm dawk ordinarji permezz ta' appell kif ukoll dawk straordinarji permezz ta' ritrattazzjoni. "Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-lezjoni tad-dritt fundamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi rettifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li l-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha."

Fil-kawza fl-ismijiet **Adel Mokhtar Al Sakalli vs Onor Prim Ministru et** deciza fis-7 ta' April, 2000 mill-Qorti Kostituzzjonali il-Qorti sostniet li meta jezistu rimedji taht il-ligi ordinarja tal-pajjiz wiehed ghandu l-ewwel jezawrixxi dawk ir-rimedji. Huwa f'idejn l-ewwel Qorti li ma tezercitax id-diskrezzjoni taghha.

Fil-31 ta' Mejju, 2000 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Spiteri Domenico Savio vs Chairman Planning Authority et** qalet li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha poteri diskrezzjonali wiesgha biex tiddeciedi li ma tezercitax il-poteri taghha meta r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji possibli taht il-ligi ordinarja.

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju, 2000 fl-ismijiet **Glen Bedingfield vs Kummisarju tal-Pulizija et** il-Qorti hasset li l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319 jistabilixxu l-procedura kif kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali kienet qed tigi jew tkun x'aktarx ser tigi miksura dwarha,

tista', bla hsara ghal kull azzjoni ohra dwar l-istess haga li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghar-rimedju. Din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddeciedi kull talba ta' din ix-xorta. Mid-decizjoni hemm dejjem appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dak id-dritt hu wiehed assolut u bla limiti u l-ebda ezercizzju ta' interpretazzjoni li jillimita tali dritt, anke jekk maghmul bl-ahjar intenzjonijiet biex suppost jiffacilita l-process gjudizzjarju ma jista' jigi accettat jew tollerat. L-unika limitazzjoni f'dan ir-rigward hi dik fil-***proviso*** tas-subinciz 2 ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-provvediment analogu fil-Kap 319 li fil-verita` mhijiex limitazzjoni ta' access ta' l-individwu lill-organi gjudizzjarji kostituzzjonali imma poter lill-Qorti li tirrifjuta li tezercita s-setghet taghha fejn tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu jew huma disponibbli favur il-persuna li taghmel ir-rikors skond xi ligi ohra u biss fil-kaz fejn tqis li jkun hekk desiderabbli li taghmel. Fir-rigward ta' dan id-dritt ta' access, il-Kostituzzjoni u l-Kap 319 lanqas jaghmlu l-ebda accenn lejn il-possibilita` li r-rikors lil dawk l-organi jkun ukoll sempliciment frivolu u vessatorju kuntrarjament ghal dak li tiddisponi fis-subinciz (3). Iz-zewg proceduri kontemplati fis-subinciz 1 u fis-subinciz 3 tal-artikolu 46 ma kienux limitazzjoni ta' xulxin, izda paralleli ma' xulxin.

Fl-20 ta' Novembru, 2000 il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Melchior Spiteri vs Avukat Generali** hasset li l-Qorti ma ghandhiex ma tezercitax id-drittijiet taghha taht l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jekk tkun qed tigi negata l-liberta` personali.

Infatti jidher li fil-kaz in ezami l-mezzi ordinarji disponibbli ghas-socjeta` rikorrenti ma humhiex sufficjenti biex jaghtu r-rimedju mixtieq mis-socjeta` attrici. Ma jidhirx li fil-fatt jezisti rimedju iehor ghas-socjeta` rikorrenti, liema rimedju jkun accessibbli, cert, effikaci u effettiv. Id-dritt ta' appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Telekomunikazzjonijiet huwa limitat fis-sens li parti tista' tappella biss:
a) li jkun sar zball materjali dwar il-fatti;
b) li kien hemm zball procedurali materjali;
c) li jkun sar zball fil-ligi;

d) li kien hemm xi illegalita` materjali, inkluza nuqqas ta' ragjonevolezza jew ta' proporzjonalita`.

Wara hemm dritt ta' appell fuq punt ta' ligi biss. Is-socjeta` rikorrenti bbazat il-kawza odjerna fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mhux fuq l-artikolu 1 tal-Prokoll 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-protezzjoni moghtija mill-Kostituzzjoni tmur oltre dak tal-Artikolu 1. Dan jirrendi li l-kaz ikkwotat mill-intimati ta' **Bryan vs United Kingdom** (1995) (21EHRR 342) mhux tant applikabbli ghall-kaz in ezami.

Ghalhekk wara li ezaminat dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux proceduri ohra adegwati mhux quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u li ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz m'ghandhiex tirrifjuta, kif fil-fatt qeghdha taghmel, li tezercita s-setghat taghha skond l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni minhabba li ma jezistux mezzi xierqa ohra ta' rimedju ghall-ksur allegat u ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali.

It-**TIENI ECCEZZJONI** tal-intimati hija bazata fuq il-fatt li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jaghmilx ghall-kaz billi l-impozizzjoni ta' l-obbligu ta' interkonnessjoni u access ma jikkostitwix "tehid" ta' proprjeta` jew "tehid ta' pussess" ta' proprjeta` fit-termini tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni izda jikkostitwixxi kontroll ta' uzu tal-proprjeta` fl-interess generali liema kontroll ta' uzu huwa gustifikat mill-interess pubbliku li l-utent tas-servizzi tat-telekommunikazzjoni ma jithalliex ***"in balia"*** tal-monopolisti jew oligopolisti tas-suq. Min-naha l-ohra is-socjeta` rikorrenti thoss li l-Avviz Legali 173 tal-1999 jivvjola l-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni u hu konsegwentement null in kwantu jimponi interkonnessjoni ma', u access lil, network tal-Melita Cable minghajr:

(i) ma ghandha dritt ghal kumpens xieraq; u/jew

(ii) ma ghandha dritt ta' access lill-Qorti jew Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi dwar kull kwistjoni fuq it-tehid furzat, inkuz l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata; u/jew

(iii) ma ghandha appell mid-decizjoni tal-imsemmija Qorti jew Tribunal lill-Qorti tal-Appell dwar kull aspett tat-tehid furzat, inkluz fuq l-ammont tal-kumpens,

u talbet lill-Qorti tohrog dawk l-atti u taghti d-direttivi biex tizgura t-twettiq ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni.

Dan ifisser li l-ewwel aspett li l-Qorti trid tezamina hija jekk hux qed jittiehed pussess ta' proprjeta` b' mod obligatorju. Ir-risposta hija certament li iva ghalkemm tali decizjoni hija konformi ma' principji generali tal-ligi tal-lum li m'ghandux ikollok ebda socjeta` li jkolla ***a dominant position*** u li ghalhekk huwa l-obbligu tal-Qorti li taqra l-artikolu tal-Kostituzzjoni taht principji generali tal-ligijiet. Is-sub-artikolu (1) tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jipprojbix it-tehid obbligatorju ***ut sic*** izda dan hlief meta hemm disposizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist - ... Ghalhekk dan mhux projbit jekk isegwi dak li jinghad atar 'l isfel tal-istess artikolu.

Ghalhekk il-Qorti trid taht dan l-aspett sekondarjament tezamina jekk dak li qieghed isir hemmx id-dritt ta' kumpens xieraq ghalih kif provdut taht (a). Il-Melita Cable giet dikjarata bhala li ghandha pozizzjoni dominanti fuq is-suq ta' ***Telecommunications Transport Providers*** u l-Awtorita` imponitilha diversi doveri kif jirrizulta mid-Dokument MC2 a fol 8. Din id-dikjarazzjoni ssir permezz tar-regolamet 5 dwar Provdituri ta' Servizz ghall-Internet u Data Networks ohra (AL 170/99). Is-socjeta` attrici ghamlet investiment ta' Lm7,000,000 fl-ahhar erba' snin biex irrendiet is-sistema taghha ***two-way*** u dan biex tkun tista' toffri data services fuq in-***network***. Is-socjeta` ghandha dritt ghal kumpens u jekk ma jsirx ftehim hemm l-appell ghal quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Telekomunikazzjonijiet. Ghalhekk taht dan l-aspett ukoll jidher li ma saret ebda vjolazzjoni tal-artikolu tal-Kostituzzjoni ghax jirrizulta li l-kumpens xieraq hu provdut ghall-anqas in teoria.

It-tielet kuncett li jrid jigi ezaminat taht dan l-aspett tal-artikolu 37 huwa dak provdut fl-artikolu (1) (b) li jitkellem dwar il-fatt li kull persuna li tippretendi kumpens ikollha

dritt ta' access lill-Qorti jew Tribunal indipendenti jew imparzjali imwaqqaf b'ligi biex jigi deciz l-interess taghha jew id-dritt fuq il-proprjeta` jew l-ammont ta' kull kumpens. Irrizulta li fil-kaz in ezami l-access huwa ghal Tribunal nominat mill-Ministru ghal perjodu fiss bi tliet membri li ghandhom ***security of tenure*** u li jistghu jitnehhew ghal ragunijiet partikolari msemmija fil-Ligi izda s-***security of tenure*** hija ghall-perjodu msemmi ta' tliet snin.

Din il-Qorti qed taghmel referenza u tikkwota mill-kawza deciza minnha kif presjeduta fl-14 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet **Ernest Balzan vs Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et** fejn intqal:
"A. Li fil-Kostituzzjoni l-artikolu 39 (2) jitkellem dwar "Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili". Ta' min josserva li fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni dwar it-Tifsir – ma hemmx definizzjoni la ta' **qorti** u lanqas ta' **awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi.** L-istess kelma u frasi jistabu fis-sub-artikoli (3) u (4) tal-istess artikolu. Izda l-kliem uzat mill-Kostituzzjoni huwa tant car u ma jhalli ebda dubbju ghal xiex qieghed jirreferi – u cioe' Qorti u certament mhux qieghed jirreferi ghal Public Service Commission jew ghall-Prim Ministru fil-mansjonijiet tieghu ghall-hatriet fic-civil. Fil-Qorti hemm kontestazzjoni [li ser sir riferenza aktar ampja ghaliha] kemm fil-kamp Kriminali kif ukoll fil-kamp Civili – u cioe' jekk ghandux ragun il-prosekutur li jakkuza jew l-imputat li jsostni l-innocenza tieghu taht l-akkuza fil-kamp kriminali; u hemm kontestazzjoni fil-kamp civili jekk hux l-parti jew l-ohra li ghandha ragun taht il-ligijiet u ippruvatux skond il-ligijiet tal-pajjiz. Dan certament mhux dak li taghmel il-PSC specjalment fir-rakkomandazzjonijiet taghha ghal hatriet. Il-PSC tirrakkomanda u m'ghandhiex id-decizjoni finali. Id-decizjoni taghha mhux titolu ezekuttiv jew sentenza ta' kundanna izda rakkomandazzjoni. U hija rakkomandazzjoni mhux biss ghax inzerta li kienet intuzat dik il-kelma u mhux ohra aktar deskrittiva u approprija, izda ghax verament dak hu li taghmel u dan kif definita fil-ligi. Il-PSC ma hijiex xi Tribunal.

B. Certament lanqas ghandu l-Prim Ministru [u certament anqas minnu xi Ministru] xi funzjoni vestita fil-Qrati jew Tribunal li jiddeciedi jew jinterpreta xi ligi. Il-funzjonijiet tieghu huma differenti u johorgu cari minn ligijiet izda huwa car li ma ghandux tali funzjoni. Kieku kellu l-funzjoni li mill-Kostituzzjoni hija vestita fil-Qrati kien ikun hemm ksur ta' wiehed mill-aktar principji fundamentali li fuqu hi bbazata l-Kostituzzjoni u cioe' dak tas-Seperation of Powers.

C. Mill-Kostituzzjoni stess tohrog car id-distinzjoni bejn **qorti** u **awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi** u dan specjalment wara li wiehed jezamina l-artikoli 39 (1) u (2) fejn wajda tirreferi ghal akkuza kriminali waqt li l-ohra tirreferi ghal drittijiet civili u obbligi. Fil-kaz ta' akkuza kriminali l-Kostituzzjoni tikkunsidra biss qorti, u meta titkellem fuq il-qrati ssemmi zewg tipi ta' qrati – s-superjuri u l-inferjuri u ghalhekk ghandhom gurisdizzjoni kriminali biss l-Qorti tal-Magistrati [kemm bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kemm ghall-iskop tal-Inkjesti] il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Kull awtorita' ohra ma hijiex kompetenti ghal offizi kriminali. Meta nhatru l-Kummissarji tal-Gustizzja, l-akkuzi gew depenalizzati, u dak li jigi ezaminat mill-Kummissarji mhumiex offizi kriminali izda infrazzjonijiet amministrattivi.

D. Interessanti kien ukoll dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Il-Pulizija vs Emmanuel Vella** [28/6/1983] fejn ma qablitx ma' dak li kienet qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-interpretazzjoni taghha tal-kelma **qorti** minhabba li kienet wisq wiesgha u inkludiet kull forma ta' Tribunal u awtorita' fejn hemm decizzjonijiet. Dak il-kaz kien jikkoncerna l-Price Control Board u kien hemm decizjoni li l-Bord ma kienx indipendenti u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni. Izda l-Qorti Kostituzzjonali hasset li billi l-Bord kien riferut bhala Qorti fl-Avviz Legali 8 tal-1982 wiehed dejjem ried ihares lejn l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk tribunal "de quo" mhux Qorti ghall-iskop tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk mhux kompetenti biex u ma ghandux gurisdizzjoni jiddeciedi offizi kriminali li kien akkuzat bihom Vella. Ara wkoll kaz simili ta' Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et

[21/7/1989] fejn il-Qorti qiset li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jigi kkunsidrat qorti u ghalhekk ir-Regolament 23 tal-Motor Vehicles Act 1948 kien jikser il-Kostituzzjoni. Ebda persuna ma tista' tigi kkundannata b'penali kriminali sakemm mhux f'qorti ta' natura kriminali li jkun presedut minn Magistrat jew Imhallef.

E. Dan l-artikolu japplika biss fejn hemm funzjoni gudizzjarja u la l-PSC u lanqas il-Prim Ministru ma ghandhom jew jista' jkollhom tali funzjoni.

F. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Gunju, 1988 fl-ismijiet **Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru et** [Vol LXXII-I-26] il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
"Il-Bord ta' dixxiplina m'ghandu f'dan l-istadju ebda funzjoni li jinvestiga l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 da parti tal-Bord tal-Inkjesta, liema allegazzjoni tifforma l-meritu tal-kawza izda l-funzjoni tieghu hija li jezamina l-fatti tal-kaz u li a bazi ta''dawn il-fatti jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar dak li qed jigi migjub kontra r-rikorrenti".

G. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali **Antonia Bartolo et nomine vs Onor Prim Ministru et** deciza fid-29 ta' April, 1996 [spiss riferuta bhala l-kaz tal-Piper Lance li telaq mit-Tunezija ghal Malta] gie ritenut li dak il-Bord la kien qorti u lanqas ta' awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi. Din kienet inkjesta amministrattiva.

H. Fil-kawza fl-ismijiet **Eddie Cachia vs Dr Joe Galea Debono et** [deciza fil-21 ta' Mejju, 1993] il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma setghetx titqies bhala qorti ghall-iskop tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan wara li qalet li qorti trid tkun indipendenti u imparzjali u s-smiegh isir fil-pubbliku; u li l-persuna koncernata jrid ikollha l-opportunita' li ggib l-provi kollha; irid ikollha l-poter li tiddetermina l-ezistenza u l-kobor ta' dritt civili jew obbligu jew l-ezistenza ta' reat. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilita biex tiddecidi dwar

drittijiet civili u obbligi izda li tinvestiga ilmenti maghmulin minn rikorrent li jhoss li jkun baghta ingustizzja maghmula mill-Gvern. Ara wkoll fuq il-Kummissjoni **Antoine Tagliaferro et vs l-Onor Prim Ministru** [5/10/95 mill-PA] fejn gie ribadit l-istess principju li l-Kummissjoni ma kellix poter li taghti decizjoni finali vinkolanti u li kull ma kienet taghmel taghti parir. Fil-Kummissjoni l-proceduri ma kinux isiru fil-pubbliku; m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet ma jidhrux f'sistema avversarja.

I. Fil-kaz in ezami l-funzjoni tal-PSC kien li tohrog l-applikazzjonijiet, tappunta Bord ta' Ghazla, tigi maghzula l-persuna, u ssir ir-rakkomandazzjoni. Il-Prim Ministru jekk jaqbel kellu jiehu hsieb li tohrog il-hatra. Il-funzjoni ta' Qorti jew awtorita' ohra gudikanti ghandha rwol ferm differenti b'mod li tapplika l-ligi tal-pajjiz wara li tezamina l-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet u taghti d-decizzjoni taghha [u mhux rakkomandazzjoni] finali [l-appell u konferma jew revoka ma ghandhomx jaffetwa s-sinifikat ta' dak li qieghed jinghad].

J. Naturalment irid ikun hemm kontestazzjoni li trid tigi ezaminata fid-dawl tal-ligi tal-pajjiz u l-Qorti jew awtorita ohra gudikanti trid taghti d-decizjoni taghha. Fil-kaz in ezami ma kienx hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet izda se mai konkors.

Bl-istess mod ma jidhirx applikabbli ghal kaz in ezami l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem - Kap 319. Dan jipprovdi li fid-decizjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Certament mhux qieghed jitkellem fuq rakkomandazzjonijiet tal-PSC jew hatriet mill-Prim Ministru.

*a.* F'**Belilos vs Switzerland** [29/4/88 Series A-132 para 64] insibu definizzjoni ta' tribunal:
*"….a tribunal is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining*

*matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner….It must also satisfy a series of further requirements – independence, in particular of the executive; impartiality; duration of its members' terms of office; guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Article 6 (1) itself."*

*b.* F'**Campbell vs Fell** *[ 28/6/84 Series A 80 p33 para 76] Tribunal ma jridx necessarjament jiftiehem "a court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country"* [ara wkoll X vs UK 5/11/81 Series A no 46 p.23 para 53]. Hawn wiehed irid isemmi li tribunal irid ikun *"an authority with power to decide legal disputes with binding effect for the parties"* **[ Sramek vs Austria** *22/10/84 Series A no 84 p.17 para 36]. Ukoll* ***f'*****Benthem vs The Netherlands** *[23/10/85 Series A no 97 ]* jinghad li ghall-iskop tal-Konvenzjoni tribunal jfisser *"bodies which exhibit common fundamental features, of which the most important are independence and impartiality, and the guarantees of judicial procedure".*

*c. Interessanti ferm hu dak li intqal f'***Van de Hurk vs the Netherlands** *[19/4/94 Series A no 288 – A para 45: "The power to give a binding decision which may not be altered by a non-judicial authority to the detriment of an individual party is inherent in the very notion of a "tribunal", as is confirmed by the word "determination"….This power can also be seen as a component of the "independence" required by Article 6 (1*)" u dan wara li l-Qorti kkunsidrat u rabtet flimkien in-nozzjoni ta' tribunal indipendenti man-nozzjoni ta' decizzjoni ta' dritt jew obbligu.

F'dan il-kaz gie ritenut li l-artikolu 6 gie miksur ghax il-Gvern kien awtorizzat bil-ligi biex ma jimplimentax decizzjoni tal-Qorti ghalkemm fil-fatt il-Gvern ma kiex ezercita dan id-dritt.

d. Wiehed irid joqghod ferm attent x'jinkludi bhala qorti u infatti f'**de Jong, Baljet u Van der Brink** [22/5/84 Series A-77, p.23, para 48] il-parir tal-"auditeur-militair",

ghalkemm dejjem segwit, bhala tali ma kienx jorbot u ghalhekk ma jistax jitqies bhala ordni gudizzjarju. Mhuwiex sufficjenti biex korp jitqies qorti li tista' taghmel rakkomandazzjonijiet jew pariri, jekk dawn fil-fatt ma jorbtux.

e. Il-proceduri ta' sotto-kumitat ta' Sptarr, li kien kecca impjegata, u tal-Kumitat tat-tmexxija tal-Isptarr li kkonferma d-decizzjoni tas-sottokumitat, ma kienx kunsidrat li jaqgha fl-ambitu tal-artikolu 6 (1) fl-Applikazzjoni 5934/72 kontra r-Renju Unit minhabba li ebda minn dawn il-kumitati ma kienu qorti u lanqas ma kienu qedghin jippruvaw jiddecidu gudizzjarjament d-drittijiet tal-applikant fis-sens ta' korp indipendenti u fuq il-partijiet koncernati b'mod li kien qieghed jiddecidi kontestazzjoni bejnithom.

*f.* Hu essenzjali li biex jigu invokati dawn l-artikoli irid ikun hemm "contestation" quddiem xi **qorti** jew **awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi.** Dwar dan il-punt Van Dijk u Van Hoof – Theory and Practice of the European Convention on Human Rights Pg 296-297 -kitbu hekk:
*"For article 6(1) to be applicable, there must be question of a "determination" of a right or obligation. From the fact that here the French speaks of "contestations" it may be inferred that the settlement of a dispute concerning a right or obligation must be at issue."* Ara fl-istess sens *Petit, Descaux et Imbert – La Convention Europeenne de Droit de l'Homme – 1995 – pg 249.*

*g.* Fuq l-istess punt insibu D J Harris, M O Boyle, u C Warbrick fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Huma Rights fejn jghidu hekk:
*"For article 6 to apply there must be a "dispute" at the national level between two private persons or between the applicant and the state the outcome of which is determinative of the applicants civil rights and obligations. The need for a dispute follows fom the word "contestation" in the French text of Article 6".*

*h.* Huwa interessanti l-kaz ta' **Van Marle and Others** [Series A – 101, pagna 12, para 36] fejn insibu:

*“The complaints made by the applicants to the Board of Appeal concerned, in essence, what they regarded as an incorrect assessment of their competence by the Board of Admission. The board of Appeal re-examined the applicants, calling them to interviews at which they had the opportunity to comment on balance sheets they had drawn up…*
*An assessment of this kind, evaluating knowledge and experience for carrying on a profession under a particular title, is akin to a school or University examination and is so far removed from the exercise of the normal judicial function that the safeguards in Article 6 cannot be taken as covering resultant disagreements.”*

Ghalhekk ma kienx hemm “contestation” kif definit fl-Artikolu 6. Ir-rikorrent f’fol 74 tal-process jaghmel referenza ghad-dissenting judgement tal-Professur John Cremona li kien deherlu li l-Bord tal-Appell kien “judicial tribunal” u has li kien hemm “contestation”. Ghab-bazi ta’ dan ir-rikorrent jsostni li fil-kaz tieghu ghalhekk ukoll hemm il-“contestation”. Il-Qorti tirrileva li dan kien dissenting judgement, ma’ liema interpretazzjoni ma taqbilx.

i. Fil-kaz **Neigel versus France** (17.03.97) paragrafu 43 il-Qorti Ewropea qalet hekk:
*"The Court observes that in the law of many member States of the Council of Europe there is a basic distinction between civil servants and employees governed by private law. This has led it to hold that "disputes relating to the recruitment, careers and termination of service of civil servants are as a general rule outside the scope of Article 6(1)."*

j. Interessanti ferm huwa l-punt sollevat mir-rikorrent f’wahda minn-noti tieghu u precizament dak a fol 124 fejn ir-rikorrent jissottometti li dak li l-intimat qeghedin jobjettaw li jekk hemm vjolazzjoni din se mai ma gietx kommessa minn qorti u jsostni li dan ma jissufraga lill-intimat propju xejn u ma jezimix mir-responsabbilta’ moghtija mill-Kostituzzjoni [**Consiglio C et vs Air Supplies and Catering Company Limited** – Q Kostit

11/8/00] u mill-Konvenzjoni Ewropea [ Ringeisen 16/7/71 Series A numru 13 segwit mill-Konig 28/6/78 Series A numru 27]. Isostni li d-drittijiet fundamentali minhabba n-natura fundamentali taghhom ikunu mharsa minn kull vjolazzjoni, gejja mnejn gejja u irrefera wkoll ghall kaz ta' **Falzon vs Prim Ministru et** [PA 30/4/01]. Dan hu argument li din il-Qorti kif presjeduta tapprezza hafna, biss li thoss li, ghalkemm ghandu u zgur li eventwalment sejjer jidhol fis-sistema legali ta' pajjiz li jiftahar tant bid-drittijiet fundamentali, s'issa sfortunatament ghadu mhux stabbilit. Ikun hemm il-htiega tal-kuragg tal-politici taghna li f'sens ta' dover lejn il-pajjiz jiehdu tali pass, jew li jkun hemm quddiem din il-Qorti kawza direttament fuq dan il-punt li tobbliga u taghti l-opportunita' lill-Qorti li tasal possibilment ghal dan. Izda kif intavolata l-kawza odjerna dan mhux permissibli.

Wara li gew ezaminati dawn il-principji u kazistika u b'referenza specjali ghall-Bord ta' l-Appell dwar it-Telekomunikazzjonijiet il-Qorti tirrimarka li t-Tribunal:
Jiddetermina kwistjonijiet u mhux jaghmel rakkomandazzjonijiet
It-Tribunal mhux Qorti fis-sens klassiku ghalkemm ghandu l-poter jiddecidi u d-decizzjonijiet tieghu huma vinkolanti
Il-partijiet ghandhom id-dritt li jgibu l-provi regolarment
Id-decizjonijiet tieghu ma jistghux jitbiddlu hlief minn Qorti u dan mhux fl-aspetti kollha
L-indipendenza tieghu specjalment mill-Esekuttiv hija wahda limitata – il-membri huma nominati mill-Ministru u s-security of tenure hija biss ghal terminu specifikat u anke jista' jkun hemm alterazzjonijiet taht certu aspetti. Fil-fehma tal-Qorti dan l-ahhar aspett huwa fundamentali. Meta l-Kostituzzjoni titkellem dwar qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi ghalkemm ma hemm xejn hazin li jezisti tali Bord inizjalment u jsaffi hafna mill-kwistjonijiet li jistghu jinqalghu minn zmien ghal zmien, fl-istess hin huwa necessarju li kull parti jkollha rimedju li fuq kull aspett imqajjem [u mhux biss punt ta' ligi] jkollha access ghal Qorti indipendenti. Il-Qorti taf sewwa l-implikazzjonijiet enormi li jista' jkollha din id-decizzjoni – u l-kummenti negattivi li jista' jkun hemm –

izda thoss li gudikant ghandu l-obbligu li jipprotegi d-drittijiet tac-cittadini f'kull kaz.

Ghalhekk tichad ukoll it-tieni eccezzjoni.

It-tielet eccezzjoni tirrigwarda t-tehid ta' proprjeta` minghajr hlas ta' kumpens xieraq izda dan gja gie trattat fuq u ghalkemm il-Qorti thoss li l-Ligi tipprovdi ghal tehid ta' pussess l-istess Ligi tipprovdi ghal kumpens xieraq u ghalhekk ma hemm xejn kontra l-provvedimenti tal-Kostituzzjoni f' dan ir-rigward. Il-fatt li min jinterkonnettja ma' infrastruttura ta' provvditur iehor tat-telekomunikazzjonijiet jiehu hlas ma jaffettwax il-pozizzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li minhabba dak li ntqal fuq biex decizjoni finali dwar kull aspett tittiehed minn Tribunal indipendenti u imparzjali, u peress li kif inhi s-sitwazzjoni prezenti l-Bord tal-Appell Dwar Telekomunikazzjonijiet ghandu hu d-decizjoni finali dwar xi aspetti, dan ma jissodisfax il-kriterji rikjesti mill-imsemmija Kostituzzjoni. Thoss ghalhekk li ghandha tiddikjara li l-Avviz Legali 173 tal-1999 jivvjola l-Artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni u ghandu jigi emendat b' mod li jipprovdi appell fuq kull aspett mill-imsemmi Bord ghal quddiem il-Qorti.

Tordna l-komunika lill-Ministru tat-Trasport u Telekomunikazzjonijiet.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------